Kunsill Lokali - Ħad-Dingli – Local Council
Ċentru tal-Komunita'
Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli, DGL 1880.
Tel. No. 21456060
E-mail: dingli.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Had-Dingli

## DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 17/ K9/ 2021**

**Data tal-Laqgha: 05 ta' Ottubru 2021**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli ltaqa' fil-17.00 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Raymond Schembri - Sindku
Sandro Azzopardi - Viċi Sindku
David Vassallo - Kunsillier
Paul Mamo - Kunsillier
Ryan Tanti - Kunsillier

Lexine Farrugia – Ambaxxattriċi taz-Żgħazagħ

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.**

17.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 15/K9/2021;**

17.2.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 15/K9/2021 **(Dok.1).**

17.2.2 Il-Kunsillier Paul Mamo ssekonda

17.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

17.3.1 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill li twahhlu it-tabelli tal-one way fi Triq il-Buskett kantuniera ma Triq Dun Gwann Bosco hekk kif approvati.

17.3.2 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li twahhlu t-tabelli one ways fi Triq William Reid kif kien approvat.

17.3.3 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li issa tlestew l-installazzjoni tal-apparat ghal-wifi b'xejn fis-sitt siti fejn 4 minnhom diga qed jiffonjunaw.

17.3.4 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li wara li tlestiet iz-zebgha fuq sinjali fi Triq Censa Spiteri inhasset il-htiega li jsir motor cycle bay fejn mhux ser ikun qed jintmess l-ebda parkegg.

17.3.5 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li f'nofs ix-xahar ta' Settembru saret clean up fuq l-irdum organizzata minn Cleansing Malta.

17.3.6 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li xtaq jirringrazzja lil kull min ta sehemu fis-serata ta' Jum Had-Dingli, irringrazzja lil haddiema kollha u lil-Kunsillier responsabbli mill-Kultura, il-perit David Vassallo.

**17.4**

**Tweġibijiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

17.4.1 Il-Kunsillier David Vassallo staqsa rigward il-kuntratt tal-progett tal-arti fuq l-irdum jekk dan kienx lest.

Is-Segtetarju Ezekuttiv wiegeb li kien ser icempel u jiltaqa mal-Kuntrattur sabiex jigi fformulat dan il-kuntratt.

17.4. 2 Il-Kunsillier David Vassallo staqsa wkoll jekk il-kuntratt tar-restawr tan-nicca kienx lest.

Is-Segretarju wiegeb li dan il-kuntratt kien gie lest u iffirmat.

17.4. 3 Il-Kunsillier David Vassallo staqsa wkoll rigward il-mobile map.

Is-Segretarju wiegeb li dan sar kull sfortz possibbli sabiex din l-app tahdem fuq App store pero dawn it-tentattivi ma kinux success. L-ahhar triq li fadal hija li fuq din il-pjattaforma terga ssir mil-bidu.

17.4. 4 Il-Kunsillier David Vassallo staqsa wkoll dwar meta jiskadi l-kuntratt tal-ghajn tal-Hasselin.

Is-Segretarju wiegeb li kien ser ikompli ifittex dan il-kuntratt dan ghaliex fil-file relatat mal-ghajn ma insabitx it-tali informazzjoni.

17.4. 5 Il-Kunsillier David Vassallo staqsa wkoll jekk kellnix risposta mill-Community Police ta’ kemm gew imharka nies fuq skart.

Is-Segretarju wiegeb li kien baght email ghal-informazzjoni u s-surgent qed tistenna risposta minghand is-superjuri taghha. Zied ukoll li kienet intbaghtet imejl ta’ tfakkira wkoll.

17.4. 6 Il-Kunsillier David Vassallo staqsa wkoll rigward il-bankina fi Tiq Panoramika.

Is-Segretarju wiegeb li kien ser jibghat imejl lil WSC u lil TM dwar id-dewmien fix-xoghol f'din it-triq.

17.4. 7 Il-Vici Sindku Sandro Azzopardi staqsa rigward ir-ritratti li hemm fil-ktieb Colours of the North dan ghaliex hemm ritratti li ma jaqawx mal-konfini ta' Had-Dingli.

Is-Sindku wiegeb li dawn ir-ritratti ma kinux gew maghzulha minnu u ghaldqstant ghandha tintbaght ittra ta' dizapprovazzjoni.

Il-Vici Sindku Sandro Azzopardi staqsa wkoll kif il-Kunsill taghna kien wiehed mill-ftit Kunsilli Lokali li ma tellajniex performance kulturali.

Is-Sindku wiegeb li kien sar zball minn naha tar-Regjum Tramuntana fejn lil-artisti infurmawhom bid-data l-hazina. Is-Sindku zied ukoll li ghandna nuru d-dizapprovazzjoni taghna fuq dan.

## 17.5 Blue Bay Fi Triq il-Ghajn

17.5.1 Wara li xi residenti tkellmu mas-Sindku sabiex issir blue bay fi Triq il-Ghajn, is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex napplikaw ghal-din it-talba ma TM.

17.5.2 Il-Kunsillier Paul Mamo ssekonda.

17.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**17.6 Yellow Lines Triq Panoramika, F.Zammit u Triq il-Kbira**

17.6.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex isiru 1m yellow line access ghal-persuna b'dizabilita sabiex ikunu jistghu jidhlu fl-istabiliment li hemm f'din it-triq.

17.6.2 Is-Sindku tkellem ukoll rigward problema ta' resident fi Triq Francesco Zammit li dan ghandu karozza ta' stil Amerikan u li mhux qed ikun jista johrog mill-garaxx meta jipparkjaw faccata. Qamet ghad-diskussjoni li it-triq hija wiesgha 6 metri u ghaldaqstant ma hemmx fejn isiru dawn il-yellow lines peres li t-triq hija wiesgha bizzejjed.

17.6.3 Is-Sindku Raymond Schemnbri propona wkoll li fi triq il-kbira bi swit il-kaxxa is-safra issir kaxxa ohra safra quddiem il-garaxx tar-resident flok linji sofor.

17.6.4 Il-Kunsillier Paul Mamo ssekonda.

17.6.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

**17.7 Kaz tal-Vecca**

17.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-imejl li kien inbaght mis-CEO tal-Lands fejn wara li dan gie diskuss bejn il-Kunsilliera is-Sindku Raymond Schembri propna sabiex inqabbdu liz-zewg avukati li qabbadna fuq dan il-kaz sabiex jaghtuna l-interpretazzjoni taghhom fuq dak li kien hemm miktub kif ukoll li ghandna naghmlu laqgha b'urgenza fuq din il-materja fejn ghandna nistaqsu lil avukati wkoll jekk il-kera wara skadenza ta' kuntratt tibqax tghodd jew le.

17.7.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

17.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**17.8 Mera Fi Triq L-Apparell**

17.8.1 Residenti li joqghodu f'din it-triq qed jitolbu mera f'din it-triq sabiex jitnaqqas il-periklu, ghaldaqtant is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex naghmlu din it-talba ma TM.

17.8.2 Il-Kunsillier Paul Mamo ssekonda.

17.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**17.9 Manutenzjoni Binja tal-Kunsill u antiporta**

17.9.1 Qed tinhass il-htiega ta' manutenzjoni f'din il-binja u ghaldaqstant is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex nibdew naghtu dehra ahjar u issir it-tiswijja necessarja.

17.9.2 Il-Kunsillier Paul Mamo ssekonda.

17.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**17.10 Bankina fi Triq il-Kuncizzjoni**

17.10.1 Wara li l-Kunsill ghadu ma ircieva l-ebda risposta minn naha tal-Lands fuq din l-art, is-Sindku Raymond Schembri propona li ghandha tinbaght final reminder bi twegiba sal-ahhar tal-gimgha.

17.10.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

17.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**17.11 Presidents Solidarity Fun Run**

17.11.1 Wara li kkomunikaw maghna li din is-sena ser issir fl-14 ta Novembru 2021. Dan l-avventiment ser ikun fuq skala izghar u ser isir f'kull lokalita. Is-Sindku propona sabiex nippartecipaw f'dan l-ghan nobbli. Propona li l-post tat-tluq ser ikun minn fejn ic-cimiterju, lejn il-kappella tal-Maddalena tul Triq il-Panoramika u tispicca fejn l-Istawa ta' San Pawl tal-Pitkali.

17.11.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

17.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**17.12 Sitwazzjoni Green Mt**

15.12.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-ittra li l-Kunsill kien ircieva sabiex il-Kunsill ihallas ghal-skart imhallas lil Kumpanija Green Mt wara li skond l-iskema din qed tintalab il-flus minghand il-Wasterv. Is-Segretarju qal li hu kellu direzzjoni minghand id-direttur generali sabiex jibghat lil din il-kumpanija li l-Kunsill mhux marbut li jhallas l-ebda flus u li l-iskema ghandha tonora l-kuntratt taghha.

**17.13** .**Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagmenti**

Ghal-Din il-laqgha ma itellghux pagamenti

**17.14** **Mozzjonijiet**

17.14.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**17.15** **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

17.15.1. Il-laqgħa intemmet fl-2000 u giet oġġornata ghad-09 ta Novembru fil-1600

17.15.2. Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

17.15.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum 09 ta' Novembru, 2021

| | |
|---|---|
| Raymond Schembri | Shawn Tanti |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |